



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

18 ta' Jannar 2024*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport – Direttiva 2006/126/KE – Artikolu 7(1) u (3) –
Liċenzja tas-sewqan – Ħruġ, validità u tiġdid – Kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan –
Eżamijiet mediċi – Frekwenza – Dokument li jiċċertifika l-kapaċità psikoloġika tas-sewwieqa”

Fil-Kawża C-227/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administrativen sad – Gabrovo (il-Qorti Amministrattiva ta' Gabrovo, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Marzu 2022, fil-proċedura

IL

vs

Regionalna direksia “Avtomobilna administratsia” Pleven,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tielet Awla, N. Piçarra, N. Jääskinen (Relatur) u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: R. Stefanova-Kamisheva, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Mejju 2023,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal IL, minn M. Hristov, advokat,
- għall-Gvern Bulgaru, minn T. Mitova, S. Ruseva u L. Zaharieva, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Messina, N. Nikolova u N. Yerrell, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) u (3) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU 2006, L 403, p. 18).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn IL, ċittadin Bulgaru, u r-Regionalna direktsia “Avtomobilna administratsia” Pleven (id-Direttorat Territorjali tal-Amministrazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur ta' Pleven, il-Bulgarija) dwar deċiżjoni li timponi sanzjoni amministrattiva fuq IL għar-raġuni li huwa ma kienx f'qagħda li jippreżenta ċertifikat validu ta' kapaċità psikoloġika, kif meħtieġ mid-dritt nazzjonali, waqt kontroll fit-triq.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 Il-premessi 8 u 9 tad-Direttiva 2006/126 jiddikjaraw:

“(8) Għall-finijiet tas-sigurtà fit-toroq, għandhom jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan. Hemm il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-istandards għat-testijiet tas-sewqan u għall-ħruġ tal-liċenzji. Għal dan il-għan, għandhom jiġu definiti l-kompetenza, il-ħiliet u l-komportament konnessi mas-sewqan tal-vetturi, it-test tas-sewqan għandu jkun ibbażat fuq dawn il-kunċetti u għandhom jiġu definiti mill-ġdid l-istandards minimi talkapaċità fiżika u mentali sabiex jinsaq tali vetturi.

(9) Għandha tingiebb prova ta' konformità ma' l-istandards minimi tal-kapaċità fiżika u mentali ta' sewqan minn sewwieqa ta' vetturi wżati għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija meta tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan u perjodikament wara dan. Tali kontroll regolari skond regoli nazzjonali ta' konformità ma' standards jikkontribwixxi għall-moviment liberu ta' persuni, jikkontribwixxi kontra d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u sabiex jittieħed kont tar-responsabbiltajiet speċifiċi tas-sewwieqa ta' tali vetturi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu li jsiru eżamijiet mediċi bħala garanzija ta' konformità ma' listandards minimi ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vetturi oħra bil-mutur. Għall-finijiet tat-trasparenza, tali eżamijiet għandhom ikunu kontemporanji għat-tiġdid ta' liċenzji tas-sewqan u għandhom għalhekk ikunu determinati mill-perjodu ta' validità tal-liċenzja.”
- 4 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

“L-Istati Membri għandhom jintroduċu liċenzja tas-sewqan nazzjonali bbażata fuq il-mudell Komunitarju stabbilit fl-Anness I, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. L-emblema fil-paġna 1 tal-mudell Komunitarju tal-liċenzji tas-sewqan għandu jinkludi l-marka distintiva ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja.”

5 Skont l-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva:

“Il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom jingħataw rikonoxximent reċiproku.”

6 L-Artikolu 4(1) tal-istess direttiva jipprovdi huwa fformulat kif ġej:

“Il-liċenzja tas-sewqan prevista fl-Artikolu 1 għandha tawtorizza s-sewqan ta’ vetturi b’mutur fil-kategoriji definiti aktar ’l isfel. Hija tista’ tinħareġ mill-età minima indikata għal kull kategorija. [...]”

7 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/126, intitolat “Ħruġ, validità u tiġdid”, jipprevedi:

“1. Il-liċenzji tas-sewqan għandhom jinħarġu biss lil dawk l-applikanti:

(a) li jkunu għaddew minn test ta’ ħila u ta’ komportament u minn test teoriku u li jissodisfaw l-istandards mediċi, skond il-dispożizzjonijiet ta’ l-Annessi II u III;

[...]

2. [...]

(b) Minn 19 ta’ Januar 2013, il-liċenzji maħruġa mill-Istati Membri għall-Kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E għandhom ikollhom validità amministrattiva ta’ 5 snin.

[...]

3. It-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan meta tiskadi l-validità amministrattiva tagħhom għandu jkun suġġett għal dawn li ġejjin:

a) il-kontinwazzjoni tal-konformità ma’ l-istandards minimi ta’ kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan kif previst fl-Anness III għal-liċenzji tas-sewqan fil-Kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E; u

[...]

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta’ validità amministrattiva kif stabbilit fil-paragrafu 2 ta’ liċenzji tas-sewqan maħruġa lil sewwieqa novizzi fir-rigward ta’ kwalunkwe kategorija sabiex japplikaw miżuri speċifiċi lil tali sewwieqa, għall-finijiet tat-titjib tas-sigurtà fit-toroq.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta’ validità amministrattiva ta’ l-ewwel liċenzja maħruġa lil sewwieqa novizzi fir-rigward tal-Kategoriji C u D għal 3 snin sabiex ikunu jistgħu japplikaw miżuri speċifiċi lil tali sewwieqa, għall-finijiet tat-titjib tas-sigurtà fit-toroq.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta’ validità amministrattiva kif stabbilit fil-paragrafu 2 ta’ liċenzji individwali tas-sewqan fir-rigward ta’ kwalunkwe kategorija fil-każ li tinħass il-ħtieġa li tiġi applikata frekwenza miżjuda ta’ eżamijiet mediċi jew li jiġu applikati miżuri speċifiċi bħal restrizzjonijiet għal dawk li jiksru r-regolamenti tat-traffiku.

[...]”

- 8 It-Titolu I tal-Anness II ta’ din id-direttiva, intitolat “Rekwiżiti minimi għat-testijiet tas-sewqan”, jistabbilixxi, fil-punt 9 tiegħu:

“9.1 Għal kull sitwazzjoni ta’ sewqan imsemmija hawn fuq, it-test għandu jirrifletti l-grad ta’ faċilità li biha l-applikant juża l-kontrolli tal-vettura u l-ħila ppruvata tiegħu li jsuq fit-traffiku kompletament bla periklu. L-eżaminatur għandu jħossu moħħu mistrieħ matul it-test. [...]

L-eżaminaturi tas-sewqan iridu għandhom ikunu mħarrġa sabiex jivvalutaw b’mod korrett l-abbiltà ta’ l-applikant sabiex isuq bla periklu. [...]

9.2. Matul il-valutazzjoni tagħhom, l-eżaminaturi tas-sewqan għandhom jagħmlu attenzjoni speċjali jekk l-applikant ikunx qiegħed juri komportament difensiv u soċjali fis-sewqan. Dan għandu jirrifletti l-istil globali tas-sewqan u l-eżaminatur tas-sewqan għandu jqis dan fl-impressjoni ġenerali dwar l-applikant. Din għandha tinkludi sewqan adattat u determinat (bla periklu), waqt li tqis il-kondizzjonijiet tat-triq u tat-temp, waqt li tqis traffiku ieħor, waqt li tqis l-interessi ta’ daww l-oħrajn li jużaw it-toroq (partikolarment daww l-aktar vulnerabbli) u l-antiċipazzjoni.

[...]”

- 9 L-Anness III tal-imsemmija direttiva, intitolat “Sandards minimi tas-saħħa mentali u fiżika sabiex tinsaq vettura b’mutur”, jipprovdi:

“Definizzjonijiet

1. Għall-iskop ta’ dan l-Anness, is-sewwieqa huma klassifikati f’żewġ gruppi:

[...]

1.2. Grupp 2:

is-sewwieqa tal-vetturi tal-Kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E.

[...]

Eżamijiet mediċi

[...]

4. Grupp 2:

L-applikanti għandhom joqogħdu għal eżami mediku qabel ma tinħarġilhom għall-ewwel darba l-liċenzja tas-sewqan u wara dan is-sewwieqa jridu joqogħdu għal kontrolli kif jiġi stabbilit fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih għandu residenza legali kull meta tiġi għedded il-liċenzja tas-sewqan tagħhom.

5. L-istandards stabbiliti mill-Istati Membri għall-ħruġ u sussegwentement għat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan jistgħu jkunu iktar stretti minn daww stabbiliti f’dan l-Anness.

[...]

Il-mard mentali

Grupp 1:

13.1. Ma għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzji tas-sewqan lill-applikanti jew lis-sewwieqa li jsofru minn:

- disturbi mentali serji, sewwa jekk konġenitali, minħabba mard, trauma jew operazzjonijiet neurokirurġiċi, u sewwa jekk le,
- ir-ritardazzjoni mentali severa,
- problemi serji tal-komportament minħabba x-xjuħija; jew difetti fil-personalità li jwasslu għal indeboliment serju fil-ġudizzju, fil-komportament jew fl-adattabilità,

għajr jekk l-applikazzjoni tagħhom tkun appoġġjata mill-opinjoni medika awtorizzata u, fejn meħtieġ, minn ispezzjonijiet mediċi regolari.

Grupp 2:

13.2. L-awtorità medika kompetenti għandha tqis kif jixraq ir-riskji u l-perikoli addizzjonali involuti fis-sewqan tal-vetturi koperti bid-definizzjoni għal dan il-grupp.

[...]"

Id-dritt Bulgaru

10 Skont l-Artikolu 51(4) taż-Zakon za balgarskite lichni dokumenti (il-Liġi dwar id-Dokumenti tal-Identità Bulgari) jipprovdi:

"Il-perijodu ta' validità tal-liċenzja tas-sewqan għall-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E u T huwa ta' ħames snin."

11 L-Artikolu 8(1), (2) u (4) tan-Naredba Nru 36 za iziskvaniyata za psikhologicheska godnost i usloviyata i reda za provezhdane na psikhologicheskite izsledvaniya na kandidati za pridobivane na pravospobnost za upravlenie na MPS, na vodachi na MPS i na predsedateli na izpitni komisii i za izdavane na udostovereniya za registratsiya za izvarshvane na psikhologicheski izsledvaniya (ir-Regolament Nru 36 dwar ir-Rekwiżiti f'Termini ta' Kapaċità Psikoloġika u l-Kundizzjonijiet u l-Proċeduri għat-Twettiq ta' Eżamijiet Psikoloġiċi li Jikkonċernaw l-Applikanti għal-Liċenzja tas-Sewqan, is-Sewwieqa ta' Vetturi u l-Presidenti tal-Kummissjonijiet ta' Eżami u ta' Ħruġ taċ-Ċertifikati ta' Reġistrazzjoni ta' Twettiq tal-Eżamijiet Psikoloġiċi), tal-15 ta' Mejju 2006 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 36/2006"), huwa fformulat kif ġej:

"1: Għandu jiġi ppreżentat ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika għal kull impjeg ġdid u eżerċizzju ta' attività ta' sewwieq ta' taxi jew ta' vettura tat-trasport pubbliku ta' persuni jew merkanzija, jew ta' president ta' kummissjoni ta' eżami.

2. Iċ-ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika huwa validu għal tliet snin mid-data ta' ħruġ tiegħu.

[...]

4. Il-persuni msemija fil-paragrafu 1 huma suġġetti għal eżami psikoloġiku kull tliet snin mid-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat preċedenti ta' kapaċità psikoloġika.”
- 12 L-Artikolu 13(1) tan-Naredba Nru 1 157 za usloviyata i reda za izdavane na svidetelstvo za upravljenje na motorni prevozni sredstva, otcheta na vodachite i tyahnata distsiplina (ir-Regolament Nru 1-157, dwar il-Kundizzjonijiet u l-Proċedura għall-Ħruġ tal-Liċenzja tas-Sewqan, ir-Rappurtar tas-Sewwieqa u d-Dixxiplina Tagħhom), tal-1 ta' Ottubru 2002, jipprovdi:
- “Il-ħruġ inizzjali ta' liċenzja tas-sewqan jitwettaq fuq il-bażi ta' rapport oriġinali ta' suċċess fl-eżami tas-sewqan mibgħut mid-dipartiment reġjonali kompetenti tad-Darzhavna avtomobilna inspektsiya [(l-Ispettorat Nazzjonali tal-Vetturi bil-Mutur, il-Bulgarija)], u l-persuna għandha tipproduċi:
1. applikazzjoni standard u d-dokumenti mehmuża konformement mal-Pravilnik za izdavane na balgarskite lichni dokumenti [(ir-Regolament dwar il-Ħruġ ta' Dokumenti ta' Identità Bulgari)];
- [...]
3. karta li tevalwa l-kapaċità fiżika tas-sewwieq/tal-applikant għall-liċenzja tas-sewqan maħruġa mit-tabib ġenerali, mill-kummissjonijiet reġjonali tal-esperti mediċi fil-qasam tat-trasport (TOLEK) jew mill-kummissjoni ċentrali ta' esperti mediċi fil-qasam tat-trasport (TTSLEK);
 4. kopja taċ-ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għall-kategoriji C1, C, D1, D u Tm (tramway);
 5. kopja taċ-ċertifikat ta' tlestija tal-kors tal-ewwel għajjnuna fil-każ ta' inċident tat-traffiku maħsub għas-sewwieqa tal-vetturi;
 6. dikjarazzjoni li r-residenza abitwali ta' din il-persuna ma hijiex fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u li din ma għandhiex liċenzja valida maħruġa minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- [...]”
- 13 Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1-157, tal-1 ta' Ottubru 2002:
- “Fid-dawl tas-sostituzzjoni msemija fil-paragrafu 1, is-sewwieqa għandhom jippreżentaw id-dokumenti msemija fil-punti 1, 3 u 6 tal-Artikolu 13(1) kif ukoll il-liċenzja tas-sewqan l-antika.”
- 14 Konformement mal-Artikolu 178c(5) taż-Zakon za Dvizhenieto po patishtata (il-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq), is-sewwieq li jipprovdi trasport bit-taxi għal rasu jew trasport pubbliku ta' passiġġieri jew ta' merkanzija mingħajr ma jkollu ċertifikat validu ta' kapaċità psikoloġika huwa punibbli b'multa ta' 500 lev Bulgaru (BGN) (madwar Eur 255).
- 15 Skont il-punt 3 tal-paragrafu 35, tad-Dopalnitelnite razporedbi na Zakona za izmenenie i dopalnenie na Zakona za dvizhenieto po patishtata (id-Dispożizzjonijiet Supplimentari tal-Liġi li Temenda u Tissupplimenta l-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq), il-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq timplimenta r-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/126.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 16 IL huwa detentur ta' liċenzja tas-sewqan valida għall-vetturi bil-mutur tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E u TCT. Il-liċenzja tiegħu hija valida mit-28 ta' Novembru 2019 sat-28 ta' Novembru 2024.
- 17 Fl-4 ta' Awwissu 2021, l-awtoritajiet ta' kontroll wettqu verifiki filwaqt li IL kien qed isuq irmonk fit-triq kompost minn trattur u semitrejler li bih kien jipprovdni trasport pubbliku ta' merkanzija. Mill-verifiki li saru rriżulta li ma kienx f'qagħda li jipproduċi ċertifikat validu ta' kapaċità psikoloġika. L-aħħar ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika tiegħu kien inħariġlu fis-7 ta' Ottubru 2017 u kien validu sas-7 ta' Ottubru 2020.
- 18 L-awtoritajiet ta' kontroll ifformulaw konstatazzjoni ta' reat amministrattiv għall-ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 36/2006 minħabba l-fatt li IL ma kienx ippreżenta ċertifikat validu ta' kapaċità psikoloġika. Abbażi tal-Artikolu 178(c)(5) tal-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq, id-Direttur tad-Direttorat Territorjali tal-Amministrazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur ta' Pleven, fl-24 ta' Awwissu 2021, adotta deċiżjoni li imponiet fuq IL multa ta' BGN 500 (madwar EUR 255) għall-ksur ikkonstatat ta' dan l-Artikolu 8(1).
- 19 IL ikkontesta din il-multa quddiem ir-Rayonen sad Sevlievo (il-Qorti Distrettwali ta' Sevlievo, il-Bulgarija), fejn sostna, essenzjalment, li l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 36/2006 u l-multa msemmija fl-Artikolu 178(c)(5) tal-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq kienu kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/126.
- 20 Din il-qorti, filwaqt li rreferiet għall-punt 4 tal-Anness III ta' din id-direttiva, iddeċidiet li Stat Membru seta' jimponi rekwiżiti addizzjonali iktar stretti fuq is-sewwieqa fir-rigward tal-frekwenza tal-eżamijiet perjodiċi u kkonfermat, permezz ta' sentenza tal-10 ta' Diċembru 2021, id-deċiżjoni tal-24 ta' Awwissu 2021.
- 21 IL ippreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem l-Administrativen sad – Gabrovo (il-Qorti Amministrattiva ta' Gabrovo, il-Bulgarija), il-qorti tar-rinviju, li tqis li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/126 huma ambigwi u, sa ċertu punt, kontradittorji.
- 22 Minn naħa, hija tenfasizza li, konformement mal-premessa 9 ta' din id-direttiva, il-prova tal-osservanza tal-istandards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan tas-sewwieqa ta' vetturi maħsuba għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija għandha tiġi pprovduta meta tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan u perjodikament wara. Huwa espressament irrakkomandat fiha li l-eżamijiet mediċi f'dan ir-rigward jikkoinċidu ma' tiġdid ta' din il-liċenzja tas-sewqan u għalhekk għandhom jiġu ddeterminati mill-perijodu ta' validità tagħha. Min-naħa l-oħra, hija tispeċifika li l-punt 4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jippermetti lill-Istati Membri jipprevedu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, il-perjodiċità tal-eżamijiet mediċi li huma jqisu xierqa għas-sewwieqa tal-Grupp 2 (kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E) u li din il-perjodiċità tista' tkun differenti mill-perijodu ta' validità tal-liċenzja tas-sewqan.
- 23 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, konformement mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/126, l-Istati Membri humiex awtorizzati li jimponu fuq is-sewwieqa tal-Grupp 2 li jissottomettu ruħhom għal eżamijiet mediċi bil-għan li tiġi stabbilita l-kapaċità psikoloġika u mentali tagħhom f'intervalli ta' żmien iqsar mill-perijodu ta' validità tal-liċenzja tas-sewqan u li jirrikjedu dokument separat, minbarra l-liċenzja tas-sewqan, li

jiċċertifika din il-kapaċità, jew jekk il-pussess ta' liċenzja tas-sewqan valida għal dawn il-kategoriji huwiex biżżejjed biex tiġi ċċertifikata l-imsemmija kapaċità, li tkun diġà ġiet stabbilita mal-ħruġ jew mat-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan.

- 24 Permezz ta' digriet tas-27 ta' Mejju 2022, irreġistrat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Mejju 2022, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tintroduċi *addendum* mat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, li fih hija tindika li quddiemha kien hemm ukoll il-kwistjoni dwar jekk is-sanzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni Bulgara għal sewwieq li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu għall-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E u Tkt hija valida, iżda li ma jistax jipproduċi ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika lill-awtoritajiet ta' kontroll, peress li dan ikun skada, tmurx kontra l-perijodu ta' validità amministrattiva sinkronizzat tal-liċenzji tas-sewqan u tal-eżamijiet mediċi ta' kapaċità fiżika u mentali prevista mid-Direttiva 2006/126, jew jekk l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali mill-awtorità li tissanzjona twassalx għal ksur tad-dritt tal-Unjoni.
- 25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administrativen sad – Gabrovo (il-Qorti Amministrattiva ta' Gabrovo) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

- “1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2006/126] jippermettu li l-Istati Membri jirrikjedu, min-naħa tas-sewwieqa li jsuqu vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E, li dawn is-sewwieqa joqogħdu għal eżami mediku intiż li jikkonferma l-kapaċità fiżika u mentali tagħhom għas-sewqan f'intervalli ta' żmien li jkunu iqsar mill-perijodu ta' validità tal-liċenzja tas-sewqan ta' vetturi bil-mutur kif ukoll, f'dan ir-rigward, dokument separat (differenti mil-liċenzja tas-sewqan) li jikkonferma l-kapaċità tagħhom? Jew il-fatt li wieħed ikollu liċenzja tas-sewqan valida għal vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kategoriji msemmija jikkonferma l-kapaċità fiżika u mentali tas-sewwieqa, sa fejn tali kapaċità diġà ġiet ikkonfermata fil-mument tal-ħruġ jew tat-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan?
- 2) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [2006/126], kif ukoll il-premessi 8 u 9 tagħha, jippermettu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni f'din it-tilwima, li tipprevedi kundizzjonijiet addizzjonali, lil hinn mir-rekwiżiti minimi għall-eżamijiet tas-sewqan (l-Anness II tad-Direttiva [2006/126]) u mill-istandards minimi ta' kapaċità fiżika u mentali (l-Anness III tad-Direttiva [2006/126]), bil-għan li jiċċertifikaw il-kapaċità psikoloġika tas-sewwieqa ta' vetturi tat-trasport tal-passiġġieri u/jew tal-merkanzija?
- 3) Jekk it-[tieni] domanda teħtieġ risposta fl-affermattiv, dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu suġġetti għas-sistema prevista mid-Direttiva [2006/126], b'mod partikolari mir-raba' sentenza tal-premessa 9, u l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva [2006/126], dwar is-sinkronizzazzjoni tal-validità amministrattiva tal-liċenzja tas-sewqan u tal-eżamijiet mediċi relatati mal-applikazzjoni ta' standards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali?”

Fuq id-domandi preliminari

- 26 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 7(1) u (3) tad-Direttiva 2006/126 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jimponi fuq id-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E maħruġa konformement ma' din id-direttiva, li l-kapaċità fiżika u mentali tagħhom għas-sewqan ġiet ikkontrollata meta nħarġet din il-liċenzja tas-sewqan u li jfittxu li jeżerċitaw il-professjoni ta' sewwieq ta' vettura bil-mutur intiża

għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija, li jżommu, minbarra l-liċenzja tas-sewqan tagħhom, ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika, li l-perijodu ta' validità tiegħu huwa inqas minn dak tal-imsemmija liċenzja.

- 27 F'dan ir-rigward, għandu jifhem li d-Direttiva 2006/126 tistabbilixxi, hekk kif jirriżulta mill-premessa 8 tagħha, armonizzazzjoni minima tal-kundizzjonijiet li bihom tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan prevista fl-Artikolu 1 tagħha. Dawn il-kundizzjonijiet huma, b'mod partikolari, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 7 ta' din id-direttiva u jikkonċernaw, fost l-oħrajn, l-età minima meħtieġa, il-kapaċità għas-sewqan, it-testijiet li għandu jgħaddi minnhom l-applikant u r-residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ta' ħruġ. Din l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-kisba tal-liċenzja tas-sewqan hija intiża b'mod partikolari sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet preliminari neċessarji għar-rikonoxximent reċiproku tal-imsemmija liċenzja u ssegwi wkoll l-għan tal-imsemmija direttiva li tikkontribwixxi għat-titjib tas-sigurtà fit-toroq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, C-195/16, EU:C:2017:815, punti 43, 44 u 51).
- 28 Skont l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 2006/126, il-liċenzja tas-sewqan tinħareġ biss lill-applikanti li jkunu għaddew minn test ta' kontroll tal-kapaċitajiet u tal-aġir kif ukoll test ta' kontroll tal-għarfien u li jissodisfaw standards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Annessi II u III ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(3)(a) tal-imsemmija direttiva jirrikjedi li t-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan ikun suġġett għall-osservanza ta' dawn l-istandards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali għad-detenturi ta' liċenzji tas-sewqan tal-vetturi ta' kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E.
- 29 Għalhekk, mill-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/126 jirriżulta li l-kapaċità mentali tad-detenturi ta' liċenzji tas-sewqan ta' vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E, li jinkludu l-persuni li jaħdmu bħala sewwieqa professjonisti, hija diġà evalwata u ċċertifikata fil-mument tal-ħruġ u tat-tiġdid ta' dawn il-liċenzji, u dan b'mod partikolari sabiex ir-rekwiżit ta' sigurtà fit-toroq jiġi ssodisfatt.
- 30 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat, fir-rigward tal-kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan, minn naħa, li, konformement mal-punt 5 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, Stat Membru jista' jeżiġi, għal kull ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan jew għat-tiġdid sussegwenti tagħha, eżami mediku iktar strett minn dawk imsemmija fl-imsemmi anness (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, Akyüz, C-467/10, EU:C:2012:112, punt 54).
- 31 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sewwieqa tal-Grupp 2, jiġifieri s-sewwieqa ta' vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E, bħal IL, il-punt 13.2 ta' dan l-Anness III jippermetti lill-awtoritajiet medikali kompetenti tal-Istati Membri li jieħdu inkunsiderazzjoni riskji u perikoli addizzjonali marbuta mas-sewqan ta' vetturi li jidħlu fid-definizzjoni ta' dan il-grupp. Għalhekk, meta dawn l-Istati Membri jiddeterminaw l-eżamijiet mediċi li għandhom isiru mis-sewwieqa tal-Grupp 2, l-imsemmija Stati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti iktar stretti għal dawn is-sewwieqa milli għas-sewwieqa tal-Grupp 1 sabiex jidentifikaw “disturbi mentali” possibbli, kif imsemmija fil-punt 13.2 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126.
- 32 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li d-Direttiva 2006/126 tippreċiża, fil-punti 13.1 u 13.2 tal-Anness III tagħha, id-disturbi mentali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fost dawn, il-punt 13.1 jagħmel riferiment għad “disturbi mentali serji [...] minħabba [...] trauma [...]”, fejn

it-terminu "trawma" jista' b'mod partikolari jirreferi għad-disturbi psikiċi kollha pprovokati inċidentalment minn aġent estern. Din id-dispożizzjoni tinvoka wkoll id-"difetti fil-personalità li jwasslu għal indeboliment serju fil-ġudizzju, fil-komportament jew fl-adattabilità".

- 33 F'dan ir-rigward, il-Gvern Bulgaru indika, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha bħala għan li tistabbilixxi l-kapaċità psikoloġika għas-sewqan tal-vetturi bil-mutur mingħajr ir-riskju li jitwettqu inċidenti tat-traffiku fir-rigward ta' kwalitajiet psikoloġiċi rilevanti fil-livell professjonali. Huwa għalhekk possibbli li jinkiseb, wara l-eżami ta' kapaċità psikoloġika previst minn din il-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari tbassir tal-aġir futur tal-persuna kkonċernata fit-triq u tar-riskju li twettaq inċidenti, u dan abbażi ta' kriterji purament psikoloġiċi u mhux mediċi.
- 34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tikkonferma li t-test ta' kapaċità psikoloġika previst mill-imsemmija leġiżlazzjoni huwa differenti, minħabba l-portata tiegħu u l-għanijiet tiegħu, mit-test ta' kapaċità mentali previst mid-Direttiva 2006/126, test psikoloġiku li ma huwiex ibbażat fuq ir-rekwiżiti ta' din id-direttiva u li għalhekk ma jikkostitwixxi eżami mediku, fis-sens tal-Anness III tagħha, ma jistax jitqies bħala li huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni. Huwa jqajjem dubju dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita mill-imsemmija direttiva, li hija intiża sabiex tippermetti lill-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li hija tistabbilixxi li jiċċertifikaw il-kapaċitajiet neċessarji għas-sewqan tal-vetturi għall-kategorija kkonċernata. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta minn osservazzjonijiet tal-Gvern Bulgaru, is-sewwieqa professjonali għandhom obbligatorjament ikollhom liċenzja tas-sewqan valida, li jippreżupponi li josservaw l-istandards fil-qasam ta' kapaċità fiżika u mentali, kif previsti mill-Anness III tad-Direttiva 2006/126, kif ukoll l-istandards li jikkonċernaw il-kapaċitajiet u l-aġir marbuta mas-sewqan ta' vettura bil-mutur tal-kategorija kkonċernata, stabbiliti fl-Anness II tagħha. Issa, dawn l-istandards jimponu evalwazzjoni globali tal-profil tal-applikant fir-rigward, b'mod partikolari, tal-aġir tiegħu u tal-kapaċità tiegħu li jsuq bis-sigurtà kollha.
- 35 Min-naħa l-oħra, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tikkunsidra li t-test ta' kapaċità psikoloġika inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa intiż sabiex jaqa' taħt il-marġni ta' evalwazzjoni li jitħalla lill-Istati Membri fir-rigward tal-eżamijiet mediċi iktar stretti, invokat fil-punti 30 u 31 ta' din is-sentenza, għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, armonizzazzjoni minima ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jżommu jew li jadottaw miżuri iktar stretti, sakemm madankollu dawn ma jkunux ta' natura li jikkompromettu serjament ir-riżultat stipulat mid-direttiva inkwistjoni u li jkunu konformi mat-Trattat FUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li tali miżuri jistgħu, minkejja l-effett restrittiv tagħhom, jiġu ġġustifikati sa fejn jissodisfaw raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, li jkunu adatti sabiex jiggarrantixxu t-twettiq tal-għan minnhom imfittex u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq (sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Muladi, C-447/15, EU:C:2016:533, punti 43 u 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 Issa, bla ħsara għal verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju f'dan ir-rigward, mill-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha fil-pussess tagħha ma jirriżultax li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija intiża sabiex tissodisfa r-riskji u l-perikoli addizzjonali u speċifiċi għas-sigurtà fit-toroq marbuta mal-kapaċità mentali meħtieġa għas-sewwieqa tal-Grupp 2. Fil-fatt, l-ispegazzjonijiet tal-Gvern Bulgaru ma jippermettux, fl-ewwel lok, li jiġi konkluż li t-test ta' kapaċità psikoloġika inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa intiż sabiex jinstabu, b'iktar eżattezza jew b'mod iktar fil-fond, disturbi mentali possibbli, bħal dawk imsemmija fil-punti 13.1 u 13.2 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 għal dan il-grupp ta' sewwieqa, li jistgħu jikkompromettu s-sigurtà fit-toroq. Konsegwentement, jidher li din

il-leġiżlazzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi ggarantit l-għan tas-sigurtà fit-toroq, u tirriskja, sa fejn timponi fuq is-sewwieqa ż-żamma ta' ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika, minbarra liċenzja tas-sewqan valida, li tikkomprometti serjament ir-riżultat stipulat mid-Direttiva 2006/126.

- 37 Fil-fatt, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li jiġi impost fuq id-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan valida li jkun, barra minn hekk, fil-pussess ta' tali ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika differenti jikkostitwixxi restrizzjoni addizzjonali inammissibbli, sa fejn il-liċenzja tas-sewqan, maħruġa minn Stat Membru konformement mal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/126, għandha titqies bħala li tikkostitwixxi l-prova li d-detentur ta' din il-liċenzja kien jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-ħruġ previsti minn din id-direttiva, fil-jum meta nħarġitlu l-imsemmija liċenzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' April 2012, Hofmann, C-419/10, EU:C:2012:240, punt 46, u tad-29 ta' April 2021, Stadt Karlsruhe (Rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan imġedda), C-47/20, EU:C:2021:332, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), u għalhekk għandha l-valur probatorju neċessarju sabiex tiċċertifika l-kapaċità mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur li taqa' fil-kategorija rilevanti.
- 38 Issa, filwaqt li d-Direttiva 2006/126 tistipula biss armonizzazzjoni minima tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tinħareġ liċenzja tas-sewqan, din id-direttiva, min-naħa l-oħra, twettaq armonizzazzjoni eżawrjenti tad-dokumenti li jipprovaw l-eżistenza ta' dritt għas-sewqan li għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-Istati Membri konformement mal-Artikolu 2(1) tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2017, I, C-195/16, EU:C:2017:815, punt 57, u tad-29 ta' April 2021, Stadt Pforzheim (Indikazzjonijiet fuq il-liċenzja tas-sewqan), C-56/20, EU:C:2021:333, punt 42). Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-koeżistenza tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa konformement mad-Direttiva 2006/126 ma' kull dokument nazzjonali ieħor li essenzjalment jissodisfa l-istess funzjoni hija għalhekk eskluża.
- 39 Bl-istess mod, l-Istati Membri ma għandhomx is-setgħa li jeħtieġu l-prova ta' kapaċità mentali għas-sewqan f'intervalli ta' żmien iqsar mill-perijodu ta' validità tal-liċenzja tas-sewqan.
- 40 Fil-fatt, fl-ewwel lok, konformement mal-Artikolu 7(2)(b) tad-Direttiva 2006/126, il-liċenzji maħruġa mill-Istati Membri għall-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E għandhom validità amministrattiva ta' ħames snin u l-Artikolu 7(3)(a) ta' din id-direttiva jeżiġi li t-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan ikun suġġett għall-osservanza tal-istandards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali stabbiliti fl-Anness III tal-imsemmija direttiva għad-detenturi ta' liċenzja ta' dawn il-kategoriji.
- 41 Fit-tieni lok, għalkemm huwa minnu, minn naħa, li l-punt 4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jipprevedi, fil-verżjoni tiegħu bil-lingwa Franċiża, li “[l]es candidats doivent faire l'objet d'un examen médical avant la délivrance initiale d'un permis et [que], par la suite, les conducteurs sont contrôlés conformément au système national en vigueur dans l'État membre de résidence normale où a lieu le renouvellement de leur permis de conduire” (“[l]-applikanti għandhom joqogħdu għal eżami mediku qabel ma tinħarġilhom għall-ewwel darba l-liċenzja tas-sewqan u [li] wara dan is-sewwieqa jridu joqogħdu għal kontrolli kif jiġi stabbilit fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih għandu residenza legali kull meta tiġġedded il-liċenzja tas-sewqan tagħhom”) u, min-naħa l-oħra, li din l-aħħar parti tas-sentenza hija nieqsa fil-verżjoni bil-lingwa Bulgara, it-teħid inkunsiderazzjoni tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' din l-aħħar dispożizzjoni jippermetti li jiġi konkluż, hekk kif jirriżulta mill-punti 49 u 50 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, li din għandha tiġi interpretata fis-sens li l-eżami inkwistjoni għandu jitwettaq waqt it-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan.

- 42 Il-fatt li l-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara u Franċiża tal-punt 4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 ma jikkorrispondux kompletament mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tad-Direttiva 2006/126 ma jistax iwassal għal interpretazzjoni differenti ta' din id-dispożizzjoni.
- 43 Fil-fatt, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, il-ħtieġa ta' applikazzjoni u għalhekk, ta' interpretazzjoni uniformi ta' att tal-Unjoni teskludi li dan jiġi kkunsidrat b'mod iżolat f'waħda mill-verżjonijiet tiegħu, iżda teħtieġ li jiġi interpretat skont kemm ir-rieda reali tal-awtur tiegħu kif ukoll l-għan imfittex minn dan tal-aħħar, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder, 29/69, EU:C:1969:57, punti 2 u 3; tat-12 ta' Diċembru 2013, X, C-486/12, EU:C:2013:836, punt 19, kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2014, Timmel, C-359/12, EU:C:2014:325, punt 63).
- 44 Issa, mill-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tad-Direttiva 2006/126 jirriżulta b'mod ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni fittex li jikkoinċidi l-eżamijiet mediċi mat-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan, mingħajr ma d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jinvokaw il-possibbiltà li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu termini iqsar bejn l-eżamijiet mediċi għas-sewwieqa tal-Grupp 2. Hekk kif irrilevat il-qorti tar-rinviju, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mir-raba' sentenza tal-premessa 9 ta' din id-direttiva, li tistabbilixxi speċifikament li dawn l-eżamijiet għandhom jikkoinċidu mat-tiġdid tal-permess ta' residenza u għalhekk jiġu stabbiliti mill-perijodu ta' validità tal-liċenzja.
- 45 Minbarra dan, għalkemm il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2006/126 jawtorizza eċċezzjonalment lill-Istati Membri li jillimitaw il-perijodu ta' validità amministrattiva tal-liċenzja tas-sewqan f'każijiet individwali għal kull kategorija “fil-każ li tinħass il-ħtieġa li tiġi applikata frekwenza miżjuda ta' eżamijiet mediċi” sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà fit-toroq, din id-dispożizzjoni tikkonferma l-fatt li l-eżamijiet mediċi għandhom jikkoinċidu ma' tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan u, għaldaqstant, li l-perjodiċità tagħhom għandha tiġi stabbilita mill-perijodu ta' validità ta' din il-liċenzja.
- 46 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat ukoll li, hekk kif sostniet il-Kummissjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni kien diġà jinkludi, fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, leġiżlazzjoni fil-qasam tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni rekwiżiti ta' sigurtà marbuta mat-trasport ta' merkanzija u ta' passiġġieri, jiġifieri d-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 441, rettifiki fil-ĠU 2017, L 69, p. 39 u fil-ĠU 2019, L 282, p. 36), li ma kienet tinkludi ebda rekwiżit speċifiku jew addizzjonali meta mqabbel ma' daww imposti mid-Direttiva 2006/126, għall-evalwazzjoni tal-kapaċità mentali tas-sewwieqa professjonali.
- 47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 7(1) u (3) tad-Direttiva 2006/126 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jimponi fuq id-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E maħruġa konformement ma' din id-direttiva, li l-kapaċità fiżika u mentali tagħhom għas-sewqan tkun ġiet ikkontrollata meta tkun inħarġet din il-liċenzja tas-sewqan u li jfittxu li jeżerċitaw il-professjoni ta' sewwieq ta' vettura bil-mutur intiża għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija, li jżommu, minbarra l-liċenzja tas-sewqan tagħhom, ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika, li l-perijodu ta' validità tiegħu huwa iqsar minn dak tal-imsemmija liċenzja.

Fuq l-ispejjeż

- 48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 7(1) u (3) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi li Stat Membru jimponi fuq id-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E maħruġa konformement ma' din id-direttiva, li l-kapaċità fiżika u mentali tagħhom għas-sewqan tkun ġiet ikkontrollata meta tkun inħarġet din il-liċenzja tas-sewqan u li jfittxu li jeżerċitaw il-professjoni ta' sewwieq ta' vettura bil-mutur intiża għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija, li jżommu, minbarra l-liċenzja tas-sewqan tagħhom, ċertifikat ta' kapaċità psikoloġika, li l-perijodu ta' validità tiegħu huwa iqsar minn dak tal-imsemmija liċenzja.

Firem